# L-istat tan-nazzjon

**Konferenza Nazzjonali**

Il-Ħamis, 9 ta' Ġunju 2022

Il-Palazz Verdala



LIVE

facebook.com/PresidentofMalta

L-istat tan-nazzjon

# *L-istat* tan-nazzjon

**Dr Vincent Marmarà**
B.Sc.(Hons)(Melit.), M.Sc.(Sheff.) Statistics,
Ph.D.(Stir.), FRSS, KLJ
Statistiku u lettur anzjan fl-Università ta' Malta

# L-għanijiet prinċipali

- Din il-konferenza nazzjonali se tibda bi stħarriġ xjentifiku fost il-Maltin.
- Għal dan l-istudju qed nikkunsidraw iċ-ċittadini Maltin.
- Irridu nifhmu aħjar min hu l-poplu Malti u Għawdxi.
- Nifhmu aħjar f'dak li l-poplu jemmen, dak li jiddefinixxih u dak li jifforma l-prinċipji tiegħu.
- L-interess il-prinċipali mhux l-opinjoni tan-nies fuq ħaġa jew oħra iżda fuq dak li hemm iktar fil-fond u li jsawwar l-opinjonijiet tal-poplu.

L-istat tan-nazzjon

# L-għanijiet prinċipali

- Ser inħarsu dwar dak li jiddefinixxi lill-poplu minn diversi aspetti fosthom:
  1. Ir-reliġjon
  2. Il-kultura
  3. L-ambjent
  4. L-impjieg
  5. L-għażliet li jagħmel ta' kuljum
  6. Id-drittijiet
  7. Il-politika
  8. L-aspett finanzjarju u diversi aspetti oħra

Dan kollu se nħarsu lejh mil-lenti taż-żgħażagħ, tal-anzjani, tal-ħaddiema u ta' ċittadini minn inħawi differenti, u ta' ħafna gruppi oħra li jikkaratterizzaw il-popolazzjoni kollha ta' Malta.

L-istat tan-nazzjon

# Metodoloġija

- Dan l-istudju jikkonsisti f'kampjun ta' 1,064 persuna minn 16-il sena 'l fuq. Hekk naċċertaw li r-riżultati jkunu kemm jista' jkun qrib il-fatti. Infatti l-*margin of error* huwa ta' +/-3%.
- Aċċertajna li l-kampjun intgħażel b'mod li jirrifletti d-demografija tal-pajjiż biex b'hekk anke l-vuċi ta' dak li jiddefenixxi l-istat tan-nazzjon ikun jaqbel b'mod eżatt.
- L-istudju tas-sena l-oħra sar fi żmien meta l-pandemija kienet fil-qofol tagħha u kien hemm diversi restrizzjonijiet imposti b'mod speċjali fir-rigward tal-attività soċjali. Barra minn hekk, tajjeb wieħed jinnota li l-istudju tas-sena l-oħra sar ftit xhur qabel l-elezzjoni mentri dan l-istudju sar ftit wara l-elezzjoni. Dawn il-fatturi se naraw li ħallew influwenza fuq diversi riżultati ta' din is-sena.

L-istat tan-nazzjon

# Metodoloġija










L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1: Il-ħajja u l-għażliet ta’ kuljum

## Sezzjoni 1.1: Tippjana ħajtek?

# Sezzjoni 1.1 – Tippjana ħajtek?

- Meta mqabbel mas-sena l-oħra naraw li hemm tnaqqis fl-ammont ta' nies li qalu li jippjanaw ħajjithom (71.0% fl-2021 vs 60.5% fl-2022). Fattur ewlieni għal dan huwa l-inċertezza li hawn bħalissa speċjalment fuq l-għoli tal-ħajja u li l-inflazzjoni dejjem qiegħda tiżdied.
- L-irġiel jippjanaw ħajjithom aktar min-nisa (66.3% irġiel vs 57.5% nisa).
- In-nies romol huma l-aktar li jgħixu ħajjithom ġurnata b'ġurnata, 69.1%.
- Dawk li huma akbar minn 66+ huma l-inqas li jippjanaw ħajjithom, 25.1%.
- Aktar ma jkun għoli l-livell ta' edukazzjoni, aktar ikunu dawk li jippjanaw ħajjithom.
- 'Il fuq minn tmenin fil-mija tal-istudenti li wieġbu dan l-istħarriġ qalu li huma jippjanaw ħajjithom (80.2%).
- Dawk li jħallsu l-ogħla taxxa fuq id-dħul, huma  dawk li jippjanaw ħajjithom l-iktar.

# Sezzjoni 1.1 – Tippjana ħajtek?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.1 – Tippjana ħajtek?







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1: Il-ħajja u l-għażliet ta' kuljum

## Sezzjoni 1.2: Il-kuntentizza b'ħajtek

# Sezzjoni 1.2 – Il-kuntentizza b'ħajtek

- Qed naraw żieda sostanzjali f'dawk li qalu li huma kuntenti b'ħajjithom (60.7% fl-2021 vs 77.0% fl-2022). Il-fatt li qed nerġgħu niġu lura għan-normalità wara l-pandemija qed iġiegħel lin-nies iħossuhom aħjar.
- Aktar minn kwart ta' dawk li mhumiex miżżewġin iħossu li ħajjithom tista' tkun aħjar (27.0%).
- Iż-żgħażagħ ta' bejn is-16-25 sena huma l-inqas li huma kuntenti b'ħajjithom (64.6%).
- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ u li għandhom l-ogħla livell ta' edukazzjoni huma l-aktar li qalu li ħajjithom tista' tkun aħjar (26.7%).
- Inqas minn nofs ta' dawk li huma bla impjieg qalu li huma kuntenti b'ħajjithom (47.1%).
- Dawk li jħallsu l-ogħla taxxa fuq id-dħul, huma l-aktar li huma kuntenti b'ħajjithom.

# Sezzjoni 1.2 – Il-kuntentizza b'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.2 – Il-kuntentizza b'ħajtek







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1: Il-ħajja u l-għażliet ta’ kuljum

## Sezzjoni 1.3: Suċċessi f’ħajtek

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.3 – Suċċessi f'ħajtek

- Ir-rizultati huma simili ħafna għal dawk tas-sena l-oħra. 'Il fuq minn ħamsa u sittin fil-mija ta' dawk li ħadu sehem fl-istħarriġ qalu li jħossu li għamlu suċċess f'ħajjithom. Min-naħa l-oħra, 30.4% tan-nies qalu li huma setgħu rnexxew aktar.
- Dawk li huma miżżewġin huma l-aktar li jaħsbu li rnexxew f'ħajjithom (68.2%).
- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ u li għandhom l-inqas livell ta' edukazzjoni huma l-aktar li qalu li huma setgħu rnexxew aktar f'ħajjithom, 42.5%.
- Aktar min-nofs ta' dawk li mhumiex impjegati qalu li huma setgħu rnexxew aktar f'ħajjithom (52.9%).
- Dawk li jħallsu l-ogħla taxxa fuq id-dħul, jgħidu li jħossuhom li rnexxew aktar.

# Sezzjoni 1.3 – Suċċessi f'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.3 – Suċċessi f'ħajtek







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1: Il-ħajja u l-għażliet ta’ kuljum

## Sezzjoni 1.4: Mezzi ta’ għajnuna għall-problemi f’ħajtek

# Sezzjoni 1.4 – Mezzi ta' għajnuna għall-problemi f'ħajtek

- In-nies li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ ġew preżentati b'dawn li ġejjin u huma kellhom jgħidu ma' min l-aktar jiddiskutu l-problemi tagħhom:
  - Ħbieb
  - Il-familja li tgħix magħha
  - Il-familja li ma tgħix magħha
  - Professjonisti bħal councillors, terapisti tal-familja, psikoloġisti u social workers
  - Kollegi tax-xogħol
- L-aktar li jfittxu l-għajnuna huwa mingħand il-qraba li jgħixu magħhom (51.9% ta' dawk li wieġbu qalu li huma jiddiskutu l-problemi tagħhom mal-familja li jgħixu magħha). Dan il-perċentwal huwa inqas minn dak li rajna s-sena l-oħra (71.4%), dan jindika li s-sena l-oħra n-nies kienu qed iqattgħu ħafna ħin id-dar minħabba l-pandemija.
- L-inqas li jfittxu għajnuna huwa mingħand il-kollegi tax-xogħol (74.5% ta' dawk li wieġbu qalu li huma ma jfittxux għajnuna rigward il-problemi tagħhom mingħand kollegi tax-xogħol). Ta' min jinnota ż-żieda f'dan il-perċentwal meta mqabbel mas-sena l-oħra (65.7% fl-2021 vs 74.5% fl-2022).
- Iż-żgħażagħ ta' bejn is-16-25 sena huma l-aktar li jfittxu l-għajnuna huwa mingħand il-ħbieb.

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.4 – Mezzi ta' għajnuna għall-problemi f'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.4 – Mezzi ta' għajnuna għall-problemi f'ħajtek

## Il-ħbieb

| | Sess: | |
|---|---|---|
| | **Mara** | **Raġel** |
| Dejjem | 9.7% | 10.6% |
| Kważi dejjem | 16.6% | 16.6% |
| Ġieli iva u ġieli le | 24.9% | 27.3% |
| Rari | 18.8% | 13.7% |
| Qatt | 30.0% | 31.8% |

| | | | Età: | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **16-25** | **26-35** | **36-45** | **46-55** | **56-65** | **66+** |
| Dejjem | 15.2% | 20.3% | 9.9% | 9.8% | 4.6% | 3.9% |
| Kważi dejjem | 45.6% | 20.6% | 14.0% | 12.3% | 9.8% | 8.0% |
| Ġieli iva u ġieli le | 12.7% | 31.9% | 35.5% | 30.8% | 21.1% | 22.2% |
| Rari | 8.9% | 9.9% | 20.6% | 17.8% | 19.6% | 18.8% |
| Qatt | 17.7% | 17.3% | 20.0% | 29.3% | 45.0% | 47.1% |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.4 – Mezzi ta' għajnuna għall-problemi f'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.4 – Mezzi ta’ għajnuna għall-problemi f’ħajtek

## Il-familja li tgħix magħha

**Sess:**

| | **Mara** | **Raġel** |
|---|---|---|
| Dejjem | 62.8% | 56.3% |
| Kważi dejjem | 21.5% | 21.3% |
| Ġieli iva u ġieli le | 4.3% | 7.3% |
| Rari | 3.3% | 2.8% |
| Qatt | 8.1% | 12.4% |

**Età:**

| | **16-25** | **26-35** | **36-45** | **46-55** | **56-65** | **66+** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Dejjem | 51.9% | 61.2% | 66.0% | 57.6% | 57.8% | 60.2% |
| Kważi dejjem | 27.8% | 17.7% | 18.4% | 23.6% | 23.7% | 20.1% |
| Ġieli iva u ġieli le | 3.8% | 10.1% | 4.5% | 7.2% | 5.5% | 3.7% |
| Rari | 3.8% | 2.0% | 6.0% | 3.6% | 1.8% | 1.8% |
| Qatt | 12.7% | 9.0% | 5.1% | 8.0% | 11.1% | 14.2% |

# Sezzjoni 1.4 – Mezzi ta’ għajnuna għall-problemi f’ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.4 – Mezzi ta’ għajnuna għall-problemi f’ħajtek

## Il-familja li ma tgħix magħha

| | Sess: | |
|---|---|---|
| | **Mara** | **Raġel** |
| Dejjem | 22.9% | 16.5% |
| Kważi dejjem | 31.9% | 27.1% |
| Ġieli iva u ġieli le | 15.1% | 20.1% |
| Rari | 9.2% | 10.1% |
| Qatt | 20.9% | 26.2% |

| | | | Età: | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **16-25** | **26-35** | **36-45** | **46-55** | **56-65** | **66+** |
| Dejjem | 8.0% | 23.3% | 26.3% | 19.5% | 14.5% | 22.1% |
| Kważi dejjem | 28.0% | 27.0% | 22.9% | 26.5% | 35.2% | 34.3% |
| Ġieli iva u ġieli le | 22.7% | 20.3% | 23.9% | 19.1% | 13.2% | 11.1% |
| Rari | 9.3% | 10.9% | 13.8% | 12.8% | 6.6% | 6.3% |
| Qatt | 32.0% | 18.5% | 13.1% | 22.2% | 30.6% | 26.2% |

# Sezzjoni 1.4 – Mezzi ta' għajnuna għall-problemi f'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.4 – Mezzi ta' għajnuna għall-problemi f'ħajtek

## Professjonisti bħal councillors, terapisti tal-familja, psikoloġisti u social workers

**Sess:**

| | **Mara** | **Raġel** |
|---|---|---|
| Dejjem | 5.6% | 4.7% |
| Kważi dejjem | 6.1% | 3.3% |
| Ġieli iva u ġieli le | 15.5% | 18.2% |
| Rari | 16.6% | 9.5% |
| Qatt | 56.2% | 64.3% |

**Età:**

| | **16-25** | **26-35** | **36-45** | **46-55** | **56-65** | **66+** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Dejjem | 1.4% | 5.0% | 10.1% | 4.9% | 3.6% | 5.1% |
| Kważi dejjem | 9.5% | 2.5% | 3.5% | 4.5% | 3.9% | 5.1% |
| Ġieli iva u ġieli le | 17.6% | 17.2% | 16.1% | 16.3% | 20.5% | 14.6% |
| Rari | 4.1% | 19.7% | 14.3% | 16.7% | 10.7% | 11.4% |
| Qatt | 67.6% | 55.6% | 55.9% | 57.7% | 61.4% | 63.8% |

# Sezzjoni 1.4 – Mezzi ta' għajnuna għall-problemi f'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.4 – Mezzi ta' għajnuna għall-problemi f'ħajtek

## Kollegi tax-xogħol

| | Sess: | |
|---|---|---|
| | **Mara** | **Raġel** |
| Dejjem | 1.7% | 1.4% |
| Kważi dejjem | 5.9% | 2.6% |
| Ġieli iva u ġieli le | 5.1% | 10.2% |
| Rari | 12.6% | 11.4% |
| Qatt | 74.7% | 74.3% |

| | | | Età: | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **16-25** | **26-35** | **36-45** | **46-55** | **56-65** | **66+** |
| Dejjem | 2.7% | 0.9% | 5.7% | 1.2% | 0.0% | 0.0% |
| Kważi dejjem | 1.4% | 15.5% | 2.1% | 2.9% | 2.0% | 1.0% |
| Ġieli iva u ġieli le | 8.1% | 10.8% | 13.6% | 6.2% | 6.9% | 2.6% |
| Rari | 16.2% | 15.8% | 12.9% | 14.9% | 6.5% | 8.6% |
| Qatt | 71.6% | 57.0% | 65.7% | 74.7% | 84.6% | 87.9% |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1: Il-ħajja u l-għażliet ta' kuljum

## Sezzjoni 1.5: L-għażliet importanti fil-ħajja

# Sezzjoni 1.5 – L-għażliet importanti fil-ħajja

- Is-sitwazzjoni hija simili ħafna għal dik tas-sena l-oħra. Il-familja hija l-aktar sors imfittex min-nies sabiex dawn jieħdu deċiżjonijiet importanti (73.5%). Barra minn hekk, ħafna mid-deċiżjonijiet importanti ma jiġu diskussi ma' ħadd u l-persuna tieħu deċiżjoni waħedha (56.6%). L-inqas mod popolari kif jittieħdu d-deċiżjonijiet huwa: skont x'naħseb li titlob is-soċjetà mingħandi (1.4%).
- L-irġiel jieħdu aktar deċiżjonijiet waħedhom min-nisa (61.5% - irġiel vs 51.8% - nisa).
- Dawk li għandhom bejn 46-55 sena huma l-aktar li jieħdu deċiżjonijiet importanti waħedhom (61.9%).
- Il-miżżewġin huma l-aktar li jieħdu deċiżjonijiet flimkien mal-membri tal-familja (84.3%).
- In-nies li mhux impjegati huma l-aktar li jieħdu deċiżjonijiet waħedhom (74.5%).
- In-nies li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ semmew **il-familja (iż-żwieġ jew it-tfal)** u **l-karriera** bħala l-aktar żewġ għażliet importanti li għamlu.

# Sezzjoni 1.5 – L-għażliet importanti fil-ħajja




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.5 – L-għażliet importanti fil-ħajja

**Sess:**

| | Mara | Raġel |
|---|---|---|
| Waħdek | 51.8% | 61.5% |
| Flimkien mal-membri tal-familja tiegħek | 79.8% | 67.1% |
| Mal-ħbieb | 9.7% | 6.9% |
| Mal-kollegi tax-xogħol tiegħek | 1.0% | 1.3% |
| Mal-professjonisti bħal councillors, psikoloġisti u social workers | 2.4% | 1.0% |
| Skont x'naħseb li titlob is-soċjetà mingħandi | 1.5% | 1.3% |

**Età:**

| | 16-25 | 26-35 | 36-45 | 46-55 | 56-65 | 66+ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Waħdek | 53.8% | 55.8% | 53.1% | 61.9% | 56.0% | 58.5% |
| Flimkien mal-membri tal-familja tiegħek | 60.3% | 69.5% | 81.5% | 70.4% | 73.2% | 79.3% |
| Mal-ħbieb | 21.8% | 6.8% | 9.0% | 4.4% | 4.3% | 7.2% |
| Mal-kollegi tax-xogħol tiegħek | 3.8% | 0.0% | 0.3% | 1.5% | 1.2% | 1.1% |
| Mal-professjonisti bħal councillors, psikoloġisti u social workers | 1.3% | 1.7% | 1.5% | 1.9% | 1.8% | 2.0% |
| Skont x'naħseb li titlob is-soċjetà mingħandi | 1.3% | 2.3% | 1.5% | 0.4% | 0.9% | 1.7% |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.5 – L-għażliet importanti fil-ħajja

**2021**

| **Għażla 1:** | |
|---|---|
| Il-karriera | 45.3% |
| Il-familja | 39.4% |
| L-edukazzjoni | 8.2% |
| Id-dar | 2.2% |
| Relazzjoni | 2.0% |
| Bqajt ġuvni/xebba | 0.8% |
| Sports | 0.6% |
| Il-karozza | 0.5% |
| Passatemp | 0.3% |
| Ngħin lin-nies | 0.2% |
| Volontarjat | 0.2% |
| Safar | 0.2% |
| Irtirar | 0.1% |

**2022**

| **Għażla 1:** | |
|---|---|
| Il-familja | 46.7% |
| Il-karriera | 24.7% |
| L-edukazzjoni | 12.8% |
| Id-dar | 7.3% |
| Is-separazzjoni | 1.4% |
| Emigrant | 0.8% |
| Ngħin lil ħaddieħor/lill-familja | 0.7% |
| Is-safar | 0.7% |
| L-stil ta' ħajja | 0.6% |
| Il-fidi | 0.6% |
| Il-ħbieb | 0.6% |
| L-investimenti li għamilt | 0.5% |
| Volontarjat | 0.5% |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1: Il-ħajja u l-għażliet ta’ kuljum

## Sezzjoni 1.6: Taħseb li se tkun qed tgħix ħajja aħjar fi żmien sena?

# Sezzjoni 1.6 – Taħseb li se tkun qed tgħix ħajja aħjar fi żmien sena?

- Meta mqabbel mas-sena l-oħra naraw li aktar nies qalu li se jkunu qed jgħixu aħjar fi żmien sena (30.4% fl-2021 vs 41.2% fl-2022). Wieħed tajjeb jinnota wkoll li dawk li jaħsbu li mhux ser jkunu qed jgħixu aħjar fi żmien sena żdied minn 7.1% għall-14.7%. Dan jindika biċ-ċar ukoll li l-indeċiżi naqsu. Dawn ir-riżultati jindikaw li qed immorru lura għan-normalità ta' qabel il-pandemija.
- Aktar minn terz tal-miżżewġin qalu li huma jaħsbu li se jkunu qed jgħixu ħajja aħjar fi żmien sena (37.5%).
- Dawk li huma iżgħar fl-età huma l-aktar pożittivi li se jkunu qed jgħixu ħajja aħjar fi żmien sena.
- Il-penzjonanti huma l-inqas li jaħsbu li se jkunu qed jgħixu ħajja aħjar fi żmien sena (27.0%).

# Sezzjoni 1.6 – Taħseb li se tkun qed tgħix ħajja aħjar fi żmien sena?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 1.6 – Taħseb li se tkun qed tgħix ħajja aħjar fi żmien sena?







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2: Id-drittijiet tiegħek u l-livell ta' għajxien

## Sezzjoni 2.1: Il-ħarsien tad-drittijiet tiegħek

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2.1 – Il-ħarsien tad-drittijiet tiegħek

- Is-sitwazzjoni hi simili għal dik tas-sena l-oħra, bid-differenza li n-nies jaħsbu li d-drittijiet tagħhom qed jiġu mħarsa aktar. Aktar minn ħamsa u sittin fil-mija ta' dawk li wieġbu l-istħarriġ qalu li d-drittijiet tagħhom qegħdin jiġu mħarsa sewwa (67.4%). Kienu biss 5.7% tan-nies li qalu li d-drittijiet tagħhom mhux qed jiġu mħarsa. Filwaqt li 25.1% tan-nies qalu li d-drittijiet tagħhom jistgħu jiġu mħarsa aħjar.
- Aktar irġiel milli nisa jħossu li d-drittijiet tagħhom jistgħu jiġu mħarsa aħjar (27.2% - irġiel vs 23.1% - nisa).
- Kważi erbgħin fil-mija ta' dawk in-nies li temmew iż-żwieġ tagħhom jaħsbu li d-drittijiet tagħhom jistgħu jiġu mħarsa aħjar (39.5%).
- Iż-żgħażagħ ta' bejn is-16-25 sena huma l-aktar li jaħsbu li d-drittijiet tagħhom qed jiġu mħarsa sewwa (79.7%).
- L-istudenti huma l-aktar li qalu li d-drittijiet tagħhom qed jiġu mħarsa (94.8%).

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2.1 – Il-ħarsien tad-drittijiet tiegħek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2.1 – Il-ħarsien tad-drittijiet tiegħek






# Sezzjoni 2: Id-drittijiet tiegħek u l-livell ta’ għajxien

## Sezzjoni 2.2: Il-livell ta’ għajxien

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2.2 – Il-livell ta’ għajxien

- Ix-xenarju huwa simili ħafna għal dak tas-sena l-oħra. Aktar minn tliet kwarti li wieġbu għal dan l-istħarriġ qalu li l-istandard tal-għajxien tagħhom hu daqs il-medja (78.4%). Ftit aktar minn ħmistax fil-mija tan-nies qalu li l-livell ta’ għajxien tagħhom hu ogħla mill-medja, 15.7%. Kienu biss 5.9% tan-nies li qalu li l-livell tal-għajxien tagħhom hu inqas mill-medja.
- Dawk in-nies li temmew iż-żwieġ tagħhom huma l-aktar li qalu li l-istandard tal-għajxien tagħhom hu taħt il-medja (9.3%).
- In-nies ta’ bejn is-16-25 huma l-aktar li qalu li l-istandard tal-għajxien tagħhom hu taħt il-medja (10.5%).
- Aktar kemm hu għoli l-livell ta’ edukazzjoni tan-nies, aktar huma dawk li qalu li għandhom l-istandards tal-għajxien tagħhom ’il fuq mill-medja.
- Dawk li jħallsu l-ogħla taxxa fuq id-dħul, huma l-aktar li qalu li għandhom l-istandards tal-għajxien tagħhom ’il fuq mill-medja.

# Sezzjoni 2.2 – Il-livell ta' għajxien




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2.2 – Il-livell ta' għajxien







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2: Id-drittijiet tiegħek u l-livell ta’ għajxien

## Sezzjoni 2.3: Bdil fis-sitwazzjoni finanzjarja

# Sezzjoni 2.3 – Bdil fis-sitwazzjoni finanzjarja

- Din is-sena qed naraw li hawn aktar min qal li s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu hija agħar minn ta’ sena ilu (13.5% fl-2021 vs 28.7% fl-2022). Raġuni għal dan huwa potenzjalment iż-żieda fl-inflazzjoni li qed naraw bħalissa. Madankollu, il-maġġoranza tan-nies qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom baqgħet l-istess mqabbla ma’ sena ilu (44.5%).
- Dawk li mhux miżżewġin huma l-aktar li qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom marret għall-aħjar fi żmien sena (29.6%).
- In-nies li għandhom 66 jew aktar huma l-aktar li qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom marret għall-agħar fi żmien sena (31.7%).
- Kważi tletin fil-mija tal-ħaddiema qalu li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom marret għall-aħjar fi żmien sena (29.7%).

# Sezzjoni 2.3 – Bdil fis-sitwazzjoni finanzjarja




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 2.3 – Bdil fis-sitwazzjoni finanzjarja







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 3: Aspetti importanti fix-xogħol tiegħek

# Sezzjoni 3 – Aspetti importanti fix-xogħol tiegħek

- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ ġew mitluba jikklassifikaw dawn li ġejjin (l-iktar importanti '1' u l-inqas importanti ‘5’):

| | 2021 | 2022 |
|---|---|---|
| – Id-dħul mill-impjieg tiegħek | 2.17 | 2.30 |
| – Sodisfazzjon li jtik ix-xogħol | 2.24 | 2.33 |
| – Sigurtà/garanzija ta’ impjieg | 2.69 | 3.30 |
| – Flessibbiltà tas-siegħat | 3.71 | 3.56 |
| – Apprezzament fuq il-post tax-xogħol | 4.19 | 3.46 |

- Bħas-sena l-oħra, l-iktar importanti għan-nies huwa d-dħul mill-impjieg.
- Għan-nisa, l-aktar importanti fix-xogħol tagħhom hu s-sodisfazzjon li jtik ix-xogħol (medja: 2.22).

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 3 – Aspetti importanti fix-xogħol tiegħek

| | Id-dħul mill-impjieg tiegħek | Sodisfazzjon li jtik ix-xogħol | Sigurtà/garanzija ta' impjieg | Flessibbiltà tas-sigħat | Apprezzament fuq il-post tax-xogħol |
|---|---|---|---|---|---|
| Mara | 2.47 | 2.22 | 3.25 | 3.54 | 3.47 |
| Raġel | 2.17 | 2.41 | 3.35 | 3.58 | 3.45 |

| | Id-dħul mill-impjieg tiegħek | Sodisfazzjon li jtik ix-xogħol | Sigurtà/garanzija ta' impjieg | Flessibbiltà tas-sigħat | Apprezzament fuq il-post tax-xogħol |
|---|---|---|---|---|---|
| 16-25 | 2.57 | 2.72 | 3.29 | 3.26 | 3.16 |
| 26-35 | 2.45 | 2.37 | 3.59 | 3.33 | 3.21 |
| 36-45 | 2.08 | 2.08 | 3.50 | 3.58 | 3.70 |
| 46-55 | 2.25 | 2.25 | 3.06 | 3.88 | 3.48 |
| 56-65 | 2.13 | 2.41 | 3.14 | 3.67 | 3.64 |
| 66+ | 2.35 | 2.20 | 2.98 | 3.78 | 3.65 |

**N.B: Dawn il-figuri huma l-medja**

# Sezzjoni 4: Ir-reliġjon

## Sezzjoni 4.1: It-twemmin f'Alla

# Sezzjoni 4.1 – It-twemmin f’Alla

- Għalkemm hemm tnqassis marġinali meta mqabbel mas-sena l-oħra, il-maġġoranza assoluta ta’ dawk li wieġbu l-istħarriġ qalu li huma jemmnu f’Alla (90.5%). Kienu biss 5.0% tan-nies li qalu li ma jemmnux f’Alla. Filwaqt li 4.5% tan-nies qalu li ma jafux.
- Madwar tnax fil-mija ta’ dawk bejn 26-35 qalu li ma jemmnux f’Alla (11.8%).
- Ftit aktar minn disgħa fil-mija ta’ dawk li għandhom livell ta’ edukazzjoni terzjarja qalu li ma jemmnux f’Alla (9.1%).

# Sezzjoni 4.1 – It-twemmin f'Alla




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 4.1 – It-twemmin f'Alla







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 4: Ir-reliġjon

## Sezzjoni 4.2: L-importanza tar-reliġjon f’ħajtek

# Sezzjoni 4.2 – L-importanza tar-reliġjon f'ħajtek

- Meta tħares lejn ir-riżultati ta' dawn is-sentejn, ir-riżultati huma simili ħafna. Kważi sittin fil-mija ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ qalu li r-reliġjon hija importanti ħafna f'ħajjithom (58.1%). Għal madwar tletin fil-mija tan-nies, ir-reliġjon mhux daqshekk importanti f' ħajjithom (29.8%). Filwaqt li għal ftit inqas minn għaxra fil-mija, ir-reliġjon mhi importanti xejn f' ħajjithom (9.4%).
- Ir-reliġjon meqjusa importanti min-nisa iktar mill-irġiel (70.6% - nisa vs 45.6% - irġiel).
- Aktar kemm tkun kbira l-età, iktar titqies importanti r-reliġjon fil-ħajja tal-bniedem.
- In-nies li wieġbu dan l-istħarriġ li għandhom l-inqas livell ta' edukazzjoni huma l-aktar li qalu li r-reliġjon hi importanti f' ħajjithom (87.4%).
- Għall-pensjonanti r-reliġjon hija ta' importanza kbira f'ħajjithom, 82.2%.
- 46.8% ta' dawk li jħallsu l-ogħla taxxa fuq id-dħul qalu li r-reliġjon hija importanti ħafna f'ħajjithom.

# Sezzjoni 4.2 – L-importanza tar-reliġjon f'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 4.2 – L-importanza tar-reliġjon f’ħajtek







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 4: Ir-reliġjon

## Sezzjoni 4.3: Ir-reliġjon u d-deċiżjonijiet f'ħajtek

# Sezzjoni 4.3 – Ir-reliġjon u d-deċiżjonijiet f'ħajtek

- Ftit aktar minn ħamsa u erbgħin fil-mija ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ qalu li jikkunsidraw ħafna r-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin (46.4% - tnaqqis meta mqabbel mal-2022 (53.9%)). Ftit aktar minn terz tan-nies, ma jikkunsidrawx daqstant ir-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin (34.6%). Filwaqt li 16.3% tan-nies assolutament ma jikkunsidrawx ir-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin.
- In-nisa jikkunsidraw ħafna r-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin (58.1% - nisa vs 34.7% - irġiel).
- Aktar kemm tkun kbira l-età, aktar in-nies jikkunsidraw ir-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin.
- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ u għadhom l-inqas livell ta' edukazzjoni huma l-aktar li jikkunsidraw ir-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin (87.4%).
- Il-pensjonanti huma l-aktar li jikkunsidraw ir-reliġjon meta jieħdu d-deċiżjonijiet dwar dak li huwa tajjeb jew ħażin (79.1%).

# Sezzjoni 4.3 – Ir-reliġjon u d-deċiżjonijiet f'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 4.3 – Ir-reliġjon u d-deċiżjonijiet f'ħajtek







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 5: In-nazzjonalità

## Sezzjoni 5.1: Ma' fejn tassoċja ruħek l-aktar?

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 5.1 – Ma' fejn tassoċja ruħek l-aktar?

- Ta' min jinnota li hemm żieda f'dawk li qalu li huma jħossuhom jagħmlu parti l-aktar mill-Ewropa (11.2% fl-2021 vs 20.6% fl-2022). L-avvenimenti li qed jiġru madwarna, speċjalment il-gwerra fl-Ukrajna jistgħu jkunu l-kawża għalfejn in-nies qed iħossuhom aktar parti mill-Ewropa. Aktar minn ħamsa u ħamsin fil-mija ta' dawk li rrispondew l-istħarriġ qalu li huma jħossuhom li jagħmlu parti l-aktar minn Malta kollha (56.9%). Ftit aktar minn għoxrin fil-mija tan-nies iħossuhom li jagħmlu parti l-aktar mar-raħal jew belt fejn joqogħdu (22.5%).
- In-nies romol huma l-aktar li jqisu ruħhom bħala abitanti tar-raħal jew belt fejn joqogħdu (43.1%).
- Iktar ma tkun kbira l-età tan-nies, aktar iqisu ruħhom bħala abitanti tar-raħal jew belt fejn joqogħdu.
- Nies li għandhom livell ta' edukazzjoni terzjarja huma l-aktar li jqisu ruħhom bħala parti mill-Ewropa (25.0%).
- Dawk li jħallsu l-ogħla taxxa fuq id-dħul, huma dawk li jqisu ruħhom l-inqas bħala abitanti tar-raħal jew belt fejn joqogħdu.
- L-Għawdxin huma l-aktar li jqisu ruħhom bħala abitanti tar-raħal jew belt fejn joqogħdu (31.8%).

# Sezzjoni 5.1 – Ma' fejn tassoċja ruħek l-aktar?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 5.1 – Ma' fejn tassoċja ruħek l-aktar?







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 5: In-nazzjonalità

## Sezzjoni 5.2: Tixtieq li twelidt f'pajjiż ieħor?

# Sezzjoni 5.2 – Tixtieq li twelidt f'pajjiż ieħor?

- Il-maġġoranza tal-Maltin li wieġbu għal dan lis-stħarriġ qalu li huma ma jixtiqux li kieku twieldu ġo pajjiż ieħor (80.1%). Kienu 12.6% tan-nies li qalu li huma jixtiequ li kieku twieldu ġo pajjiż ieħor. Filwaqt li 7.2% tan-nies qalu "ma nafx". Meta wieħed iqabbel r-riżultati mas-sena li għaddiet, naraw li hemm żieda f'dawk li qalu li jixtiequ kieku twieldu ġo pajjiż ieħor.
- Nies mhux miżżewġin huma l-aktar li qalu li jixtiequ kieku twieldu f'pajjiż ieħor (16.0%).
- Dawk li għandhom inqas minn 25 sena huma l-aktar li jixtiequ li kieku twieldu ġo pajjiż ieħor (21.1%).
- Dawk li jħallsu l-ogħla taxxa fuq id-dħul huma l-inqas li qalu li jixtiequ li kieku twieldu ġo pajjiż ieħor (10.1%).
- Huma biss ftit inqas minn disgħa fil-mija tal-Għawdxin li jixtiequ li kieku twieldu ġo pajjiż ieħor (8.9%).

# Sezzjoni 5.2 – Tixtieq li twelidt f'pajjiż ieħor?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 5.2 – Tixtieq li twelidt f'pajjiż ieħor?







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 6: Il-lingwa primarja

# Sezzjoni 6 – Il-lingwa primarja

L-iktar lingwa kkunsidrata bħala l-lingwa prinċipali tal-Maltin hija l- Malti (81.6%). Huma biss 1.6% tan-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ li qalu li l-Ingliż hija l-lingwa primarja tagħhom. Sittax fil-mija tan-nies iqisu kemm il-Malti u kemm l-Ingliż bħala l-lingwi primarji tagħhom. Ir-riżultati huma identiċi meta tqabbel l-2021 ma' l-2022.

# Sezzjoni 6 – Il-lingwa primarja




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 6 – Il-lingwa primarja







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-Politika

## Sezzjoni 7.1: L-importanza tal-politika f'ħajtek

# Sezzjoni 7.1 – L-importanza tal-politika f'ħajtek

- Hawn qed naraw tnaqqis f'dawk in-nies li qalu li l-politika hija importanti ħafna f'ħajjithom (48.3% fl-2021 vs 37.9% fl-2022). Barra minn hekk, kien hemm aktar nies mis-sena l-oħra li qalu li l-politika ma tinteressahom xejn (12.9% fl-2021 vs 21.9% fl-2022). Waħda mir-raġunijiet għal din il-bidla hi li għadna kif ħriġna minn elezzjoni ġenerali. Dan jindika li jkun hemm aktar nies li tkun iddejjqet tisma' dwar politika.
- L-irġiel jagħtu aktar importanza min-nisa lill-politika Maltija (44.0% - irġiel vs 31.9% - nisa).
- Il-persuni li temmew iż-żwieġ huma l-inqas li jagħtu ħafna importanza lil politika Maltija f' ħajjithom (32.2%).
- Aktar kemm tkun kbira l-età tan-nies, aktar jagħtu importanza lill-politika Maltija f' ħajjithom.
- Kważi erbgħin fil-mija tal-istudenti li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ qalu li huma ma jagħtu l-ebda importanza lill-politika Maltija f'ħajjithom (39.7%).

# Sezzjoni 7.1 – L-importanza tal-politika f'ħajtek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.1 – L-importanza tal-politika f'ħajtek







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-Politika

## Sezzjoni 7.2: L-influwenza tal-politika fid-deċiżjonijiet tiegħek

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.2 – L-influwenza tal-politika fuq id-deċiżjonijiet tiegħek

- Is-sentiment li n-nies qed tagħti inqas importanza lill-politika jinħass f'din id-domanda wkoll. Meta mqabbel mas-sena l-oħra, kienu biss 32.8% tan-nies li qalu li huma jaslu għall-opinjoni tagħhom dwar diversi temi differenti, skont kif tkun l-opinjoni tal-partit politiku li jemmnu fih. Fl-2021, dan kien jammonta għal 43.9% tan-nies. Filwaqt li 38.3% ta' dawk li rrispondew qalu li huma ma jiħdux deċiżjoni skont kif jaħsibha l-partit politiku (żieda ta' kważi disgħa fil-mija meta mqabbel mal-2021).
- In-nies li għandhom livell għoli ta' edukazzjoni huma l-inqas li jaslu għall-opinjoni tagħhom dwar diversi temi differenti, skont kif tkun l-opinjoni tal-partit politiku li jemmnu fih (21.6%).
- Aktar minn erbgħin fil-mija ta' dawk li joqogħdu fil-Punent ta' Malta jaslu għall-opinjoni tagħhom dwar diversi temi differenti, skont kif tkun l-opinjoni tal-partit politiku li jemmnu fih (40.4%).

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.2 – L-influwenza tal-politika fuq id-deċiżjonijiet tiegħek




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.2 – L-influwenza tal-politika fuq id-deċiżjonijiet tiegħek







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-Politika

## Sezzjoni 7.3: Il-preferenza tal-vot

# Sezzjoni 7.3 – Il-preferenza tal-vot

- Fil-passat, ħafna mill-Maltin dejjem ivvutaw għall-istess partit (71.6%). Huma 28.4% tan-nies li ġieli vvutaw għal partit differenti fil-passat. Meta nqabblu mar-riżultat tas-sena l-oħra, naraw li n-nies qed iżommu inqas il-vot mal-istess partit.
- In-nies li għandhom livell għoli ta' edukazzjoni huma l-aktar li ġieli ivvutaw għal partit differenti. Erbgħin fil-mija tagħhom qalu li ġieli vvutaw għal partit differenti.
- Aktar ma tkun għolja t-taxxa fuq id-dħul, aktar ikun hemm ċans li l-persuna tkun ivvutat għal partit differenti fil-passat.

# Sezzjoni 7.3 – Il-preferenza tal-vot




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.3 – Il-preferenza tal-vot







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.3 – Il-preferenza tal-vot

- Fil-futur, inqas minn nofs il-Maltin ma jikkunsidrawx li jivvutaw għal partit ieħor (45.3%). Huma ftit aktar minn tletin fil-mija tan-nies li jikkunsidraw li jivvutaw għal partit differenti fil-futur (32.0%). Ftit inqas minn tnejn u għoxrin fil-mija qalu li ma jafux (22.7%). Jekk nerġgħu nqabblu l-figuri ma' tas-sena li għaddiet, huwa ċar li kull ma jmur, in-nies qed tappartjeni inqas ma' partit partikolari.
- Il-persuni li mhumiex miżżewġin huma l-aktar li jikkunsidraw li jivvutaw għal partit differenti fil-futur (45.8%).
- Żgħażagħ ta' bejn il-25-35 sena huma l-aktar li jikkunsidraw li jivvutaw għal partit differenti fil-futur (49.2%).
- Aktar kemm ikun għoli l-livell ta' edukazzjoni tan-nies, aktar ikun hemm ċans li jivvutaw għal partit differenti fil-futur.
- Aktar kemm tkun għolja t-taxxa fuq id-dħul tan-nies, aktar ikun hemm ċ-ċans li jivvutaw għal partit differenti fil-futur.
- In-nies li jgħixu fit-Tramuntana ta' Malta huma l-aktar li jikkunsidraw li jivvutaw għal partit differenti fil-futur (42.4%).

# Sezzjoni 7.3 – Il-preferenza tal-vot




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.3 – Il-preferenza tal-vot







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-Politika

## Sezzjoni 7.4: L-ideat tiegħek u l-politika

L-istat
tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.4 – L-ideat tiegħek u l-politika

Tmenin fil-mija tal-Maltin jidentifikaw ruħhom ma' partit politiku li jaqbel mal-ideat tagħhom. Filwaqt li għoxrin fil-mija tan-nies qalu li huma jiffurmaw l-ideat tagħhom skont il-partit li jidentifikaw ruħhom miegħu. Hawn qed naraw tnaqqis ta' għaxra fil-mija meta imqabbel mas-sena li għaddiet.

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.4 – L-ideat tiegħek u l-politika




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.4 – L-ideat tiegħek u l-politika







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-Politika

## Sezzjoni 7.5: Pjaċiri mingħand politiċi

# Sezzjoni 7.5 – Pjaċiri mingħand politiċi

- Madwar tletin fil-mija tan-nies qalu li huma ġieli marru għand xi politiku għax kellhom bżonn xi ħaġa (29.7%).
- L-irġiel marru aktar min-nisa għand xi politiku għax kellhom bżonn xi ħaġa (33.4% - irġiel vs 26.0% - nisa).
- Żgħażagħ ta' bejn is-16-25 huma l-inqas li marru għand xi politiku għax kellhom bżonn xi ħaġa.
- Nies li għandhom l-ogħla livell ta' edukazzjoni huma l-inqas li marru għand xi politiku għax kellhom bżonn xi ħaġa (19.9%).
- L-Għawdxin huma l-aktar li marru għand xi politiku għax kellhom bżonn xi ħaġa (34.5%).

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.5 – Pjaċiri mingħand politiċi



# Sezzjoni 7.5 – Pjaċiri mingħand politiċi







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7: Il-Politika

## Sezzjoni 7.6: Distinzjoni bejn il-partiti politiċi

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.6 – Distinzjoni bejn il-partiti politiċi

Aktar minn ħamsa u ħamsin fil-mija ta' dawk li wieġbu għal dan l-istħarriġ qalu li mhux vera l-frażi: *Iż-żewġ partiti l-kbar huma l-istess*. Dan ifisser li l-maġġoranza tan-nies tagħmel distinzjoni bejn iż-żewġ partiti l-kbar.

# Sezzjoni 7.6 – Distinzjoni bejn il-partiti politiċi




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 7.6 – Distinzjoni bejn il-partiti politiċi







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8: Il-midja u l-ġrajjiet kurrenti

## Sezzjoni 8.1: Rapportar ta’ aħbarijiet li jinteressawk

# Sezzjoni 8.1 – Rapportar ta' aħbarijiet li jinteressawk

- Kważi nofs in-nies li ħadu sehem f'dan l-istħarriġ qalu li l-midja Maltija la tirrapporta 'ħafna' u lanqas 'xejn' dwar suġġetti li jikkonċernaw lilhom (48.1%). Ftit inqas minn għoxrin fil-mija tan-nies qalu li l-midja Maltija la tirrapporta u lanqas tiddiskuti suġġetti li jikkonċernaw lilhom (18.5%). Kienu 20.8% tan-nies li qalu l-midja Maltija tirrapporta u tiddiskuti ħafna suġġetti li jikkonċernaw lilhom. Meta nqabblu dan ir-riżultat ma' tas-sena li għaddiet, faċli naraw li ftit ftit il-midja Maltija qed tinteressa aktar lis-segwaċi tagħha.
- Madwar erbgħa u għoxrin fil-mija ta' dawk in-nies ta' bejn is-16-25 qalu li l-midja Maltija tirrapporta u tiddiskuti ħafna suġġetti li jikkonċernaw lilhom (23.6%).
- 16.2% ta' dawk li għandhom livell baxx ta' edukazzjoni qalu li l-midja Maltija tirrapporta u tiddiskuti ħafna suġġetti li jikkonċernaw lilhom.

# Sezzjoni 8.1 – Rapportar ta' aħbarijiet li jinteressawk




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8.1 – Rapportar ta' aħbarijiet li jinteressawk







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8: Il-midja u l-ġrajjiet kurrenti

## Sezzjoni 8.2: L-aktar sors popolari ta' midja biex issegwi l-aħbarijiet

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8.2 – L-aktar sors popolari ta’ midja biex issegwi l-aħbarijiet

- It-televiżjoni u l-links tal-portals tal-aħbarijiet fuq Facebook baqgħu l-aktar mezzi segwiti biex in-nies isegwu l-aħbarijiet. Ta’ min jinnota li kien hemm tnaqqis fil-perċentwal ta’ dawk li jsegwu links tal-portals tal-aħbarijiet fuq Facebook (72.4% fl-2021 vs 56.2% fl-2022). Fl-istess waqt, kien hemm żieda għal dawk li qalu ‘Fuq il-paġni jew gruppi tal-ħbieb tiegħek fuq Facebook’ (+7.7%).
- Ir-radju hu l-aktar popolari ma’ dawk li għandhom ’il fuq minn 66 sena.
- Il-gazzetta stampata hija l-aktar popolari ma’ dawk li għandhom ‘il fuq minn 55 sena.

# Sezzjoni 8.2 – L-aktar sors popolari ta' midja biex issegwi l-aħbarijiet




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8.2 – L-aktar sors popolari ta' midja biex issegwi l-aħbarijiet

| | Mara | Raġel |
|---|---|---|
| Gazzetta stampata | 5.5% | 5.7% |
| Gazzetti online (portals) | 32.1% | 39.4% |
| Radju | 25.2% | 26.1% |
| Links tal-portals tal-aħbarijiet fuq Facebook | 54.9% | 57.5% |
| TV | 64.0% | 58.0% |
| Fuq il-paġni jew gruppi tal-ħbieb tiegħek fuq Facebook | 30.1% | 20.4% |
| Mingħand ħaddieħor | 3.4% | 2.7% |
| Ma nsegwix aħbarijiet Maltin | 5.3% | 6.2% |

| | 16-25 | 26-35 | 36-45 | 46-55 | 56-65 | 66+ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Gazzetta stampata | 0% | 3% | 3% | 2% | 10% | 11% |
| Gazzetti online (portals) | 53% | 38% | 44% | 33% | 31% | 24% |
| Radju | 11% | 13% | 22% | 28% | 29% | 41% |
| Links tal-portals tal-aħbarijiet fuq Facebook | 86% | 81% | 67% | 48% | 45% | 27% |
| TV | 18% | 40% | 54% | 67% | 78% | 89% |
| Fuq il-paġni jew gruppi tal-ħbieb tiegħek fuq Facebook | 33% | 36% | 34% | 29% | 19% | 9% |
| Mingħand ħaddieħor | 3% | 4% | 3% | 1% | 4% | 3% |
| Ma nsegwix aħbarijiet Maltin | 5% | 8% | 7% | 5% | 7% | 3% |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8: Il-midja u l-ġrajjiet kurrenti

## Sezzjoni 8.3: L-avvenimenti li jseħħu barra, għadhom jaffettwaw lil Malta?

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8.3 – L-avvenimenti li jseħħu barra, għadhom jaffettwaw lil Malta?

Il-maġġoranza assoluta tal-Maltin (92.8%) jaħsbu li l-avvenimenti li jseħħu barra minn Malta qed jaffettwawna ħafna aktar minn dawk li seħħew għaxar snin ilu. Ir-riżultat huwa simili ħafna għal dak tas-sena l-oħra.

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8.3 – L-avvenimenti li jseħħu barra, għadhom jaffettwaw lil Malta?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 8.3 – L-avvenimenti li jseħħu barra, għadhom jaffettwaw lil Malta?







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 9: L-aktar importanti għalik fost: Ġustizzja, ugwaljanza, libertà u solidarjetà

# Sezzjoni 9 – L-aktar importanti għalik fost: Ġustizzja, ugwaljanza, libertà u solidarjetà

- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ ġew mitluba jikklassifikaw dawn li ġejjin (l-aktar importanti '1' u l-inqas importanti '4'):

| | 2021 | 2022 |
|---|---|---|
| – Ġustizzja | 1.44 | 1.95 – l-aktar importanti |
| – Libertà | 2.55 | 2.49 |
| – Ugwaljanza | 2.96 | 2.53 |
| – Solidarjetà | 3.01 | 2.98 – l-inqas importanti |

- L-iktar importanti għan-nies hija l-Ġustizzja, filwaqt li l-inqas importanti hi s-solidarjetà. Riżultat simili ħafna għal dak tas-sena li għaddiet.

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 9 – L-aktar importanti għalik fost: Ġustizzja, ugwaljanza, libertà u solidarjetà

| | Ġustizzja | Ugwaljanza | Libertà | Solidarjetà |
|---|---|---|---|---|
| Mara | 2.05 | 2.58 | 2.46 | 2.89 |
| Raġel | 1.86 | 2.41 | 2.60 | 3.08 |

| | Ġustizzja | Ugwaljanza | Libertà | Solidarjetà |
|---|---|---|---|---|
| 16-25 | 1.91 | 2.48 | 2.49 | 3.05 |
| 26-35 | 2.16 | 2.54 | 2.35 | 2.95 |
| 36-45 | 1.93 | 2.38 | 2.49 | 3.15 |
| 46-55 | 1.92 | 2.45 | 2.53 | 3.05 |
| 56-65 | 1.99 | 2.54 | 2.52 | 2.91 |
| 66+ | 1.82 | 2.54 | 2.71 | 2.86 |

**N.B: Dawn il-figuri huma l-medja**

# Sezzjoni 10: Kemm lest li tafda lil xi ħadd Malti bħalek

# Sezzjoni 10 – Kemm lest li tafda lil xi ħadd Malti bħalek

- Meta mistoqsija kemm lesti li jafdaw persuna Maltija bħalhom (fejn 1-Ma tafda lil ħadd, 5-Nafda lil kulħadd), l-aktar risposta komuni kienet "3-Newtrali". Il-medja hija 2.92. Dan huwa tnqaqqis marġinali meta kkumaparat mas-sena l-oħra.
- Iż-żgħażagħ ta' bejn is-16-25 sena huma l-inqas li jafdaw (medja ta' 2.71).
- Dawk li mhux miżżewġin huma l-inqas li jafdaw persuna oħra Maltija (medja ta' 2.79).
- Nies bl-inqas livell ta' edukazzjoni huma l-inqas li jafdaw (medja ta' 2.84).

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 10 – Kemm lest li tafda lil xi ħadd Malti bħalek

Inti kemm tafda lill-Maltin bħalek? (1-Ma nafda lil ħadd, 5-Nafda lil kulħadd)




**Medja: 2021 - 3.31**
**2022 - 2.92**

| | **Medja:** |
|---|---|
| Mara | 2.91 |
| Raġel | 2.93 |
| | |
| 16-25 | 2.71 |
| 26-35 | 2.79 |
| 36-45 | 3.01 |
| 46-55 | 3.00 |
| 56-65 | 2.90 |
| 66+ | 3.04 |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 11: L-aktar ħaġa importanti għalik fil-kultura Maltija

# Sezzjoni 11 – L-aktar ħaġa importanti għalik fil-kultura Maltija

- In-nies li wieġbu għal dan l-istħarriġ ġew mitluba jikklassifikaw dawn l-affarijiet/avvenimenti kulturali Maltin (l-aktar importanti '1' u l-inqas importanti '5'):

| | 2021 | 2022 |
|---|---|---|
| – Ikel tradizzjonali Malti | 2.42 | 2.75 |
| – Il-festi tal-irħula u l-ibliet | 2.53 | 2.46 – l-aktar importanti (2022) |
| – Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | 2.70 | 2.72 |
| – Arti u mużika Maltija | 2.87 | 3.34 |
| – Il-karnival | 4.47 | 3.66 – l-inqas importanti |

- L-aktar importanti għan-nies huma l-festi tal-irħula u l-ibliet, filwaqt li l-inqas importanti huwa l-karnival.

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 11 – L-aktar ħaġa importanti għalik fil-kultura Maltija

| | Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | Il-karnival | Il-festi tal-irħula u l-ibliet | Ikel tradizzjonali Malti | Arti u mużika Maltija |
|---|---|---|---|---|---|
| Mara | 2.68 | 3.74 | 2.42 | 2.73 | 3.39 |
| Raġel | 2.76 | 3.59 | 2.50 | 2.76 | 3.30 |

| | Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | Il-karnival | Il-festi tal-irħula u l-ibliet | Ikel tradizzjonali Malti | Arti u mużika Maltija |
|---|---|---|---|---|---|
| 16-25 | 3.52 | 3.43 | 2.44 | 2.47 | 3.08 |
| 26-35 | 3.40 | 3.70 | 2.42 | 2.44 | 2.95 |
| 36-45 | 2.69 | 3.41 | 2.56 | 2.74 | 3.58 |
| 46-55 | 2.57 | 3.82 | 2.52 | 2.67 | 3.38 |
| 56-65 | 2.41 | 3.64 | 2.33 | 3.08 | 3.47 |
| 66+ | 2.11 | 3.87 | 2.47 | 2.95 | 3.51 |

**N.B: Dawn il-figuri huma l-medja**

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 12: Kemm taqbel mal-multikulturaliżmu?

# Sezzjoni 12 – Kemm taqbel mal-multikulturaliżmu?

- Il-Maltin saru jħossuhom iktar komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna meta mqabbel mas-sena l-oħra. Il-medja hija 3.02 (fejn 1-Ma jien komdu xejn, 5-Komdu ħafna). Influwenza waħda tista' tkun peress li l-kwistjoni tal-immigrazzjoni illegali mhijiex waħda mit-tħassib ewlieni attwali tal-Maltin.
- Iż-żgħażagħ ta’ bejn is-16-25 sena huma l-aktar li jħossuhom komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna (medja ta’ 3.37).
- Dawk li huma separati/divorzjati/annullati huma l-inqas li jħossuhom komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna (2.83).
- Nies bl-ogħla livell ta’ edukazzjoni huma l-aktar li jħossuhom komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna (medja ta’ 3.30).
- L-istudenti huma l-aktar li jħossuhom komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna (medja ta’ 3.47).
- L-Għawdxin huma l-inqas li jħossuhom komdi bit-taħlit tal-kulturi fis-soċjetà tagħna (2.92).

# Sezzjoni 12 – Kemm taqbel mal-multikulturaliżmu?




| | Medja: |
|---|---|
| Mara | 3.03 |
| Raġel | 3.01 |
| | |
| 16-25 | 3.37 |
| 26-35 | 3.26 |
| 36-45 | 2.91 |
| 46-55 | 2.91 |
| 56-65 | 2.87 |
| 66+ | 2.92 |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 13: L-ambjent

## Sezzjoni 13.1: L-ambjent fil-lokalità fejn tgħix

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 13.1 – L-ambjent fil-lokalità fejn tgħix

- Kważi kwart tal-Maltin huma kuntenti ħafna bl-ambjent tal-lokalità fejn jgħixu, 24.8%. Il-medja hija ta' 3.30 minn 5 fejn '1' Ma jien kuntent xejn u '5' Kuntent ħafna.
- L-anzjani huma l-aktar li jħossuhom kuntenti bl-ambjent fejn joqogħdu (medja ta' 3.64).
- Nies bl-ogħla livell ta' edukazzjoni huma l-inqas li jħossuhom kuntenti bl-ambjent fejn joqogħdu (medja ta' 3.12).
- Il-ħaddiema huma l-inqas li jħossuhom kuntenti bl-ambjent fejn joqogħdu (medja ta' 3.06).
- Dawk li joqogħdu fil-Punent tal-pajjiż huma l-aktar li jħossuhom kuntenti bl-ambjent fejn joqogħdu (medja ta' 3.63).

# Sezzjoni 13.1 – L-ambjent fil-lokalità fejn tgħix




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 13.1 – L-ambjent fil-lokalità fejn tgħix

| | Medja: |
|---|---|
| Mara | 3.39 |
| Raġel | 3.21 |
| | |
| 16-25 | 3.28 |
| 26-35 | 3.13 |
| 36-45 | 3.41 |
| 46-55 | 3.02 |
| 56-65 | 3.13 |
| 66+ | 3.64 |
| | |
| Nofsinhar tal-Port il-Kbir | 3.27 |
| Tramuntana tal-Port il-Kbir | 3.17 |
| Distrett tax-Xlokk | 3.59 |
| Distrett tal-Punent | 3.63 |
| Distrett tat-Tramuntana | 3.13 |
| Għawdex u Kemmuna | 3.13 |

L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 13: L-ambjent

## Sezzjoni 13.2: Ġnien privat jew flus kontanti?

# Sezzjoni 13.2 – Ġnien privat jew flus kontanti?

- Meta lil dawk li ħadu sehem fl-istħarriġ staqsejnijhom x'jippreferu minn ġnien mad-dar tagħhom li jiswa 25,000 ewro jew 25,000 ewro fi flus kontanti, il-maġġoranza għażlu l-ġnien (56.8%).
- Fost dawk l-aktar li qegħdin fil-kategorija ta' età żgħira, il-maġġoranza assoluta (65.8%) jippreferu 25,000 ewro fi flus kontanti. Wieħed jista' jara riżultat simili anke għal dawk li huma bla impjieg bħalissa.

# Sezzjoni 13.2 – Ġnien privat jew flus kontanti?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 13.2 – Ġnien privat jew flus kontanti?

Skont is-sess: Kieku jkollok għażla bejn li tingħata 'Ġnien mad-dar tiegħek li jiswa 25,000 ewro jew 25,000 ewro kontanti f'idejk, liema tagħżel minnhom?




Skont l-età: Kieku jkollok għażla bejn li tingħata 'Ġnien mad-dar tiegħek li jiswa 25,000 ewro jew 25,000 ewro kontanti f'idejk, liema tagħżel minnhom?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 13: L-ambjent

## Sezzjoni 13.3: Il-poter tal-Awtorità tal-Ippjanar

# Sezzjoni 13.3 – Il-poter tal-Awtorità tal-Ippjanar

Kważi żewġ terzi tal-Maltin jaqblu li l-Awtorità tal-Ippjanar għandu jkollha aktar poter biex tikkontrolla l-art li qed tittieħed fil-pajjiż (65.7%). Filwaqt li 16.8% tan-nies ma jaqblux. Il-bqija qalu li għadhom ma jafux (17.5%).

# Sezzjoni 13.3 – Il-poter tal-Awtorità tal-Ippjanar




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 13.3 – Il-poter tal-Awtorità tal-Ippjanar







L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 14: Ir-rwol tal-President tar-Repubbblika

# Sezzjoni 14 – Ir-rwol tal-President tar-Repubblika

Il-maġġoranza tal-poplu jaqblu li l-President tar-Repubblika għandu jingħata poter biex jaħtar lill-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kap tal-Armata (46.9%). Madankollu, numru kunsiderevoli ta' nies wieġbu "ma nafx" (33.2%). Filwaqt li kważi għoxrin fil-mija qalu "le" (19.8%).

# Sezzjoni 14 – Ir-rwol tal-President tar-Repubblika




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 14 – Ir-rwol tal-President tar-Repubblika

Skont is-sess: Taħseb li l-President tar-Repubblika għandu jingħata poter biex jaħtar lill-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kap tal-Armata?




Skont l-età: Taħseb li l-President tar-Repubblika għandu jingħata poter biex jaħtar lill-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kap tal-Armata?




L-istat tan-nazzjon

# Sezzjoni 15: Ir-rispett u l-valuri

# Sezzjoni 15 – Ir-rispett u l-valuri

Il-maġġoranza assoluta tal-poplu qalet li r-rispett u l-valuri li tħaddan persuna qegħdin jiġu mgħallma l-aktar mill-familja (86.8%). Filwaqt li 13.2% tan-nies qalu li dawn qed jiġu mgħallma l-iskola.

# Sezzjoni 15 – Ir-rispett u l-valuri



# Sezzjoni 15 – Ir-rispett u l-valuri







L-istat tan-nazzjon

# Minn hawn ’il quddiem...

Qabel ma l-kelliema, il-poplu, u l-esperti jiddiskutu l-istat tan-nazzjon, bdejna billi nagħtu stampa ta’ min hu l-poplu u dak li jiddefinixxih minn aspett xjentifiku. B’hekk, il-poplu Malti semma’ leħnu qabel id-diskussjoni. Issa, id-diskussjoni tista’ tibda.

# L-istat tan-nazzjon

**Konferenza Nazzjonali**

Il-Ħamis, 9 ta' Ġunju 2022

Il-Palazz Verdala



LIVE

facebook.com/PresidentofMalta

L-istat tan-nazzjon